MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 40/2022 LM

**Patrick Acheampong (Maltese Resident Card No. 0045745A)**
*('l-appellat')*

***vs*.**

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Identity Malta Agency** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni tat-18 ta' April, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha laqa' l-appell tal-

appellat **Patrick Acheampong (Maltese Resident Card No. 0045745A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] fil-konfront tagħha għar-raġunijiet hemm imfissra.

## Fatti

2. Permezz tal-applikazzjoni tiegħu tas-16 ta' Awwissu, 2021, l-appellat talab sabiex jingħata *Status of Specific Residence* u sabiex jinħareġ il-permess relattiv, iżda l-appellanta ċaħdet it-talba tiegħu fl-24 ta' Novembru, 2021 għar-raġuni li huwa kien irċieva kundanna kriminali.

## Mertu

3. Għalhekk l-appellat istitwixxa proċeduri ta' appell quddiem il-Bord fit-30 ta' Novembru, 2021 għar-revoka ta' din id-deċiżjoni tal-appellanta. L-appellanta wieġbet għall-appell tiegħu billi ssottomettiet fl-ewwel lok li l-Bord ma kienx kompetenti *rationae materiae* sabiex jiddeċiedi l-imsemmi appell, u fil-mertu li l-*policy* kif emendata kienet qegħda tiġi applikata b'mod konsistenti u għalhekk id-deċiżjoni tagħha kellha tiġi kkonfermata.

## Id-deċiżjoni appellata

4. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1. **Preliminary***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision dated 24th November 2021, the appellant was informed that his application for Specific Residence Authorisation (SRA) had been rejected* "in view of your past criminal conviction";

*Saw the appeal registered on 30th November 2021; and*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency.*

## ***2. Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

### *a. Competence of this Board*

*In the first paragraph of its reply, the Agency argued that this Board lacked competence as the appealed decision is one taken by the Agency according to some policy and was not an appeal against a decision refusing someone a residence permit.*

*The Board disagrees with the Agency's position. The appellant applied for a status called "Specific* ***Residence*** *Authorisation" (emphasis added by the Board). This renders SRA status a form of residence permit under Article 7 of the Immigration Act. The Board considers it necessary to make this connection between the relative policy documents and the law as the 2018 policy and the 2020 policy, both attached to the Agency's reply, both fail to refer to any primary or subsidiary legislation which serves as the basis for the policy. However, a policy cannot stand in a vacuum. It must somehow be linked to legislation and must serve to flesh out and explain how the provisions of a certain piece of primary or subsidiary legislation are to be implemented. In this case, the Minister's* vires *to enact such a policy emanates from his powers under Article 7(1) of the Imigration Act ("*...the Minister may issue, subject to such conditions as he may deem proper to establish...*"). Therefore, any*

*decision taken by the Agency, insofar as it affects the status of third-country nationals, may be appealed before this Board.*

*It must further be noted that neither the policy enacted in 2018 nor the updated policy enacted in 2020 state that the Agency's decisions under those policies are not appealable or that this Board shall not have the competence to hear and determine appeals against those decisions. Even if any subsequent policy were to say that, it is humbly posited that such a pronouncement may well run counter to law and case-law related to fundamental human rights.*

*If one were to adopt the Agency's reasoning, one could state that this Board lacks competence to decide appeals related to applications for residence permits on the basis of economic self-sufficiency, as there seems to be no piece of primary or subsidiary legislation which specifically regulates residence permits on the basis of economic self-sufficiency. The Board recognises that just as the Agency, out of necessity, developed various kinds of residence permits to deal with the variety of situations applicants encounter, then so too does this Board's competence develop in a similar manner.*

*Therefore, the Board rejects the argument contained in the first paragraph of the Agency's reply and declares that in fact, it does have competence to hear and determine this appeal.*

*b. <u>The merits</u>*

*As to the merits of the case, the Agency explained as follows:*

- *The appellant first applied for a residence permit on the basis of international/humanitarian protection on 31st December 2015, which application was accepted and consequently, protection was granted to the appellant;*
- *That the appellant had had his protection renewed yearly;*
- *That following publication of the relative policy in 2018, the appellant applied on 1st October 2019 for renewal of his temporary humanitarian protection (THPN) status and conversion to SRA status, which application was accepted and consequently, a document was issued to the appellant which was valid for two years;*
- *That however, in October 2020, an updated SRA policy was issued. According to the updated policy, the appellant was considered disqualified under the*

*disqualification criteria as he had been convicted of a criminal offence in the past.*

***At this point, the Board notes that the Agency presented no informal or authenticated copy of any judgment of any court, no occhio of any case and no date on which any judgment of a criminal nature was allegedly issued against the appellant. The Board is sure that the Agency is aware of and will agree that he who alleges carries the burden of proof. Therefore, if the Agency alleges that the appellant had been convicted of an offene, it must prove that allegation.***

- *That on 16th August 2021, the appellant submitted an application for renewal of his SRA status, which application, in line with the 2020 policy, required the Malta Police Force to advise on the appellant's criminal record (fedina penali).*
- *That the Malta Police Force informed the Agency that the appellant had, in the past, been sentenced to imprisonment.*
- *That consequently, the appellant was considered disqualified.*

*At this juncture, the Board, supported by the reasoning of the Court of Appeal in **Fabio Vespa vs Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati** (decided on 12th July 2019), carried out a search on the online eCourts database and **found no judgments of whatever nature which bear the appellant's name.***

*The Board reiterates that it is not up to it to check whether an individual has been convicted of an offence, especially when the appellant, in his defence, presents a clean conduct certificate.*

*The Agency is only saved as the appellant, in his appeal, admitted that he had been convicted of certain offences and had been condemned to two years imprisonment suspended for four years. However, the Board is none too convinced, as the judgment attached to the appellant's appeal bears the name "*Patrick Achampo*" and in this case, the appellant is* "Patrick Acheampong"*. There is doubt as to the identity of the person.*

*The Board cannot help but observe that the Agency is basing its decision on an alleged conviction handed down **thirteen years ago** which, if one were to apply the provisions of the Conduct Certificates Ordinance, would be expunged from the appellant's conduct certifcate if he were to file an application before the Court of Magistrates for that purpose.*

*The Agency admits that for several years, between the appellant's first application in 2015 and his most recent application in August 2021, he had enjoyed THPN status*

*and subsequently SRA status. It was only after the 2020 policy came into force that his application for renewal of SRA status was rejected. The Board finds it utterly ridiculous that it is on the basis of a thirteen-year old conviction which resulted in a mere suspended sentence that the appellant is being denied* ***renewal*** *of his SRA status. The Board is expected to believe that it is now, after several years, the competent authorities suddenly realised that the appellant was once convicted of a criminal offence and is therefore now considered an undesirable presence.*

*The Board, however, shall delve further in the disqualification critera in the 2020 policy.*

*The section of the* "Policy regarding Specific Residence Authorisation – Updated policy – October 2020" *titled* "Disqualification criteria", *states:*

"Persons who have been found guilty of an offence and sentenced to imprisonment for twelve (12) months in Malta or abroad shall not be granted a Specific Residence Authorisation. An applicant for the status who is found guilty and sentenced to one (1) year imprisonment, even if with a suspended sentence, shall be automatically disqualified from obtaining SRA status."

*It is clear that although the appellant has been found guilty of an offence, he was not condemned to imprisonment. Rather, the term of imprisonment was suspended. Therefore, he is not disqualified under the first part of the disqualification criteria.*

*The second part of the disqualification criteria refers to an* "applicant for the status"*. This means that in order for this second part to apply, he must have been found guilty and sentenced to one year of imprisonment, whether effective or suspended,* ***when he would already have applied for SRA status*** *(or in this case, for renewal thereof). In this case, the appellant was convicted long before he applied for SRA status.*

*Therefore, for all the reasons stated hereinabove, the Board shall revoke the Agency's decision and shall accept the appellant's appeal."*

## <u>L-Appell</u>

5. L-appellanta ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fit-28 ta' April, 2022 fejn filwaqt li tikkontendi li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza sabiex tisma' l-appell odjern *ai termini* tas-subartikolu 25A (5) tal-

Kap. 217, qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tordna lill-Bord sabiex jieħu deċiżjoni mill-ġdid skont il-konsiderazzjonijiet ta' din l-istess Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat. Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (i) nuqqas ta' kompetenza tal-Bord; u (ii) il-Bord applika ħażin il-*policy* maħruġa mill-Gvern fl-2020.

6. L-appellat wieġeb fit-28 ta' Ġunju, 2022 fejn għar-raġunijiet imfissra fir-risposta tiegħu, huwa ssottometta li l-appell tal-appellanta għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

7. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta fid-dawl ta' dak li kkonstata u ddeċieda l-Bord permezz tad-deċiżjoni appellata, iżda meħudin in konsiderazzjoni wkoll is-sottomissjonijiet tal-appellat.

8. L-appellanta spjegat qabel xejn il-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni u mbagħad għaddiet sabiex tispjega l-ewwel aggravju tagħha. Tirrileva li l-kompetenza tal-Bord tinstab delineata permezz tal-para. (ċ) tas-subartikolu 21A(1) tal-Kap. 217, u tispjega li l-*policy* in kwistjoni fil-każ odjern inħolqot minnha stess, u għalhekk la hija disposizzjoni ta' dak l-Att, la hija dispożizzjoni ta' regolament magħmul taħtu u lanqas ta' xi liġi oħra. Tikkontendi li skont il-prinċipju legali *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit,* il-leġislatur ma riedx li l-Bord ikollu kompetenza 'l hemm minn dak elenkat fil-paragrafu suriferit. Dwar it-tieni aggravju tagħha, l-appellanta tispjega li fil-każ odjern il-Bord għamel applikazzjoni żbaljata tal-*policy* li ħareġ il-Gvern fl-2020 għaliex: (a) ikkunsidra bħala "redikola"

li sentenza ta’ tlettax-il sena qabel kellha l-effett ta’ skwalifika tal-applikant, u ma setax jemmen li kien issa li l-appellanta saret taf b’din is-sentenza; (b) ikkunsidra li l-applikant hawn appellat ma kienx jissodisfa t-termini ta’ skwalifika tal-*policy.* Dwar l-ewwel punt, l-appellanta ssostni li ma kienx kompitu tal-Bord li jiddeċiedi x’għandu jkun fihom il-*policies,* iżda kien l-obbligu tagħha li tapplikahom. Hawnhekk l-appellanta tagħmel riferiment għal diversi sentenzi tal-Qrati fir-rigward tal-kompetenza tagħhom li jinvestigaw il-*policies* tal-Eżekuttiv, u ssostni li l-Bord m’għandux il-funzjoni li jagħmel, jirregola jew iġebbed *policies* li jsiru mill-Gvern. Għalhekk hija ma setgħetx taqbel ma’ dak li ngħad mill-Bord fid-deċiżjoni appellata. Tgħid li l-kliem tiegħu jmur kontra l-kliem tal-*policy* stess, li tippermettilha titlob lill-Pulizija għal kopja tal-fedina penali, u mhux tistrieħ fuq il-kondotta, iżda wkoll li ma tistabbilix terminu li fih is-sentenzi ma jibqgħux jgħoddu bħala skwalifika. Fit-tieni lok tgħid l-appellanta, qabel il-*policy* tal-2020, hija ma kellha l-ebda raġuni għafejn tiskwalifika lill-appellat minħabba s-sentenza ta’ priġunerija li kienet ingħatatlu. Tgħid li l-interpretazzjoni tal-Bord tal-imsemmija *policy,* hija waħda skorretta għaliex: (a) qasam fi tnejn l-iskwalifika taħt il-kriterji tal-*policy,* meta huwa ċar li t-tieni parti hija ntiża sabiex tispjega f’iżjed dettal dak li tipprovdi l-ewwel sentenza, u ma kellhiex tfisser li sentenza sospiża ta’ priġunerija ta’ sena jew fuqhom, għandha tgħodd biss għal skwalifika jekk din tingħata waqt illi wieħed ikun ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu. L-appellanta ssostni li jekk il-Bord kellu xi dubju dwar x’ried ifisser il-*policy-maker*, huwa kien tenut jistaqsi taħt ġurament lill-awtorità kompetenti li kitbet il-*policy* minflok ibiddel il-*policy* huwa stess. Tgħid b’riferiment għall-ġurisprudenza ċitata, li l-Bord m’għandux il-funzjoni li jinterpreta l-*policy* b’mod tant dejjaq u saħansitra skorrett, sabiex b’hekk isalva l-applikazzjoni tal-appellat. Il-Bord kien

tenut li jaċċerta li l-*policy* qegħda tiġi applikata b'mod kostanti bla diskriminazzjoni, iżda mhux li jiżviluppa prinċipji ġodda fil-*policies* tal-awtoritajiet, u dan għaliex huwa m'għandux jissostitwixxi l-funzjonijiet tal-awtoritajiet.

9. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju tal-appellanta, l-appellat jissottometti li hawn hija qegħda tittanta toħloq inċertezza dwar il-mansjonijiet tal-Bord, meta dawn huma ċari skont kif jirriżultaw mill-artikolu 25A tal-Kap. 217. Filwaqt li jagħmel ukoll riferiment għall-artikolu 7 ta' dan l-Att, l-appellat jispjega li huwa kien igawdi *Specific Residence Authorisation (SRA)* kif rikonoxxut mill-awtoritajiet nazzjonali, u li jaqa' fil-parametri tad-definizzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap. 217. L-appellat jagħmel ukoll riferiment għal para. (ċ) tal-artikolu 25A tal-Kap. 217, u jissottometti li l-Bord għandu s-setgħa li jiddeċiedi dwar kull tip ta' appell li għandu x'jaqsam ma' permessi ta' residenza, anki appelli minn applikazzjonijiet għal SRA. Jgħid li huwa ċar li għalkemm il-*policy* tal-2018 u dik tal-2020 ma jagħmlu l-ebda riferiment għal xi kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta, huma għandhom jiġu regolati mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 217. Jirrileva li dawn il-*policies* ma jipprovdux li m'għandu jkun hemm l-ebda dritt ta' appell minn deċiżjoni tal-Aġenzija appellata fejn din ma tagħtix jew fejn tirrifjuta li ġġedded permess ta' residenza bħal dan, u dan b'kuntrast ta' każijiet oħra fejn jingħad b'mod espliċitu li d-deċiżjoni tagħha għandha tkun finali mingħajr dritt ta' appell. Hawn l-appellat jgħaddi sabiex jiċċita dak li qal il-Bord fir-rigward. Dwar it-tieni aggravju, l-appellat jissottometti li wieħed għandu jqis iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu sabiex ikun jista' japprezza bi sħiħ il-konsiderazzjonijiet tal-Bord, u l-*forma mentis* tiegħu. Jispjega li huwa kien instab ħati ta' reat kriminali fil-25 ta' Marzu, 2009, fejn ingħata sentenza ta' sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin, liema perijodu skada fl-2013, jiġifieri disa' snin ilu. Huwa kien ilu jġedded l-i*status*

tiegħu mingħajr l-ebda problema, u għalhekk ssawwret aspettattiva leġittima fih li ma kellux ikun hemm diffikultajiet wara dan iż-żmien. Wara li ċċita l-kummenti tal-Bord dwar dan, jissottometti li l-appellanta hija tassew żbaljata meta tgħid li qabel ma daħlet fis-seħħ il-*policy* tal-2020, hija ma kellha l-ebda raġuni għalfejn tiskwalifika l-appellat minħabba s-sentenza ta' priġunerija sospiża, u jiċċita wkoll fl-istess ħin dak li kienet tipprovdi l-*policy* tal-2018 li *"[p]ersons who have been convicted of serious crimes, or are otherwise considered to be a threat to national security, public order and/or the public interest shall not be granted a Specific Residence Authorisation".* L-appellat jagħmel ukoll riferiment għall-para. (b) tas-subartikolu 7(3) tal-Kap. 217, li jagħti l-Ministru kompetenti s-setgħa sabiex jirtira permess ta' residenza fil-każ li 'delitt serju' kommess mill-persuna li jkollha dan il-permess. Jikkontendi li għalhekk jekk l-appellanta kellha raġuni sabiex taħseb li huwa kien instab ħati *'of a serious crime...or considered a threat to national security, public order and/or the public interest'* kif tipprovdi l-*policy* tal-2018, jew ta' *'delitt serju'* skont il-para. (b) tas-subartikolu 7(3), hija dejjem kellha s-setgħa li tirtira jew toġġezzjona għall-għoti tal-permess mogħti lilu. Jirrileva li ma kien hemm l-ebda mod li l-kundanna tiegħu sertgħet tinżamm mistura għaliex id-dettalji tagħha kienu jirriżultaw fil-kondotta tal-Pulizija tiegħu, liema dokument kien wieħed minn dawk mitluba mill-appellanta. L-appellat jirrileva wkoll li wieħed mill-*'Eligibility Criteria'* taħt il-*policy* tal-2018, kien li l-applikant kellu kondotta tajba, u stante li huwa kien ingħata l-i*status* ta' SRA, ma jistax ikun hemm dubju li huwa kien tqies bħala bniedem ta' kondotta tajba mill-appellanta lura fl-2018. Għalhekk jgħid li kien biss meta daħlet fis-seħħ il-*policy* tal-2020 li kienet ittieħdet in konsiderazzjoni l-fedina penali tiegħu. Isostni li l-appellanta qegħda tittanta tinterpreta din il-*policy* b'mod restrittiv, iżda l-mod li bih inkitbet

tħalli lok għal interpretazzjoni estensiva, hekk kif jikkontendi li hija maqsuma fi tnejn kif korrettement għaraf il-Bord. Jgħaddi sabiex jispjega kif hija biss fit-tieni parti tal-paragrafu rilevanti minn din il-*policy* li tiġi ttrattata s-sitwazzjoni fejn hemm sentenza sospiża. Isostni li bil-mod li nkitbet din il-parti, ifisser li huma pprojbiti milli jottjenu l-*istatus* ta' SRA dawk il-persuni applikanti li jinstabu ħatja u jiġu kkundannati għal sentenza ta' sena priġunerija, anki jekk sospiża, u din tkun viġenti fil-mument tal-applikazzjoni tagħhom. Filwaqt li jiċċita dak li qal il-Bord fid-deċiżjoni appellata tiegħu, l-appellat għamel riferiment wkoll għall-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-*policy* tal-2018. L-appellat issottometta li r-reat li għalih huwa ġie kkundannat kien tneħħa minn fuq il-kondotta tiegħu skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 77, u anki dan ġie osservat mill-Bord. Jagħmel ukoll riferiment għad-deċiżjoni tal-Bord tat-2 ta' Lulju, 2021 fl-ismijiet **Abdul Hannan *vs.* Identity Malta Agency**, u jsostni li r-raġunament tal-appellanta imur kontra d-disposiżjonijiet tal-liġi, u anki kontra l-prinċipju li persuna li wettqet reat hija kapaċi li tirriabilita ruħha, u li ma tistax tkun preġudikata minħabba sentenzi tal-passat kif rifless fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Jgħid li fid-deċiżjoni tiegħu fil-każ suċitat, il-Bord sostna l-argument tiegħu permezz ta' riferiment għas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **H.T. *vs.* Land Baden Wuerttember** tal-24 ta' Ġunju, 2015, u għas-sentenza fl-ismijiet **H.F. *vs.* Belgische Staat** tat-2 ta' Mejju, 2018. L-appellat jispjega li l-Bord kien għamel il-konsiderazzjonijiet imsemmija għaliex fiż-żewġ *policies* tal-2018 u tal-2020 hemm riferiment ċar għal fatt li l-i*status* tal-SRA jista' jiġi rtirat jekk persuna titqies li hija ta' riskju għas-sigurtà pubblika u/jew l-interess pubbliku. Jgħid li madankollu dan qatt ma seħħ fir-rigward tiegħu, anki meta s-sentenza sospiża kienet tirriżulta fuq il-kondotta tiegħu. L-appellat jikkontendi li għalhekk l-

interpretazzjoni tal-appellanta hija waħda inġusta għaliex qegħda tippenalizzah għal stat ta' fatt li ma kienx meqjus meta nstab ħati u proprju issa meta s-sentenza m'għadhiex viġenti, iżda biss għaliex tidher fuq il-fedina penali tiegħu. Huwa fil-fatt kien wera li għandu kondotta nadifa, fatt li anki l-Bord irrikonoxxih. Jirrileva li kif sewwa osserva l-Bord, kien hu li liberament ipprovda l-fedina penali tiegħu, filwaqt li l-appellanta lanqas biss esebiet kopja tas-sentenza li permezz tagħha huwa kien ġie kkundannat mill-Qorti. Jikkontendi li l-aġir tal-appellanta huwa wieħed *ultra vires,* u jagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 7 tal-Kap. 217 b'enfażi fuq il-para (b) tiegħu, fejn il-Ministru jista' jirrevoka permess ta' residenza f'każ fejn persuna li tkun tgawdi minn dritt ta' residenza tikkommetti delitt serju. L-appellat jargumenta li filwaqt li dan is-subartikolu jipprovdi għar-raġunijiet kollha fejn jista' jiġi revokat permess ta' residenza, ma jsir l-ebda riferiment għall-*policies* li jistgħu jsiru mill-appellanta, fejn jistgħu jinbidlu l-parametri b'mod retrospettiv. Jgħid li hija l-liġi stess li tħalli lok għal revoka ta' permess ta' residenza minħabba delitti gravi, iżda li ma seħħitx fil-każ tiegħu għaliex ir-reat li huwa kkommetta ma kienx wieħed li jinkwadra fid-definizzjoni ta' 'delitt serju' skont is-subartikolu 7(3) tal-Kap. 217. Fil-każ tiegħu jissottometti li ma kien hemm l-ebda irtirar tal-permess ta' residenza tiegħu, iżda rifjut min-naħa tal-appellanta sabiex jiġġedded l-imsemmi permess, u li mhuwiex ikkontemplat fl-imsemmi subartikolu. Il-Bord stess, jissottometti l-appellat, għaraf li l-każ odjern jittratta applikazzjoni sabiex jiġġedded il-permess ta' residenza, li kienet ġiet irrifjutata u mhux tip ta' applikazzjoni oħra. Jikkontendi li r-revoka ta' permess ta' residenza skont *policy* interna li tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-liġijiet, senjatament is-subartikolu 7(3) tal-Kap. 217, u fejn ir-rekwiżit tal-fedina penali jmur kontra d-

disposizzjonijiet tal-Kap. 77, twassal sabiex il-*policy* hija waħda *ultra vires.* Jagħlaq billi jgħid li madankollu l-ebda *policy* interna li ssir b'mod unilaterali ma tista' tmur kontra l-Liġijiet ta' Malta.

10. Qabel ma tidħol fil-mertu tal-każ odjern, il-Qorti tibda billi tikkunsidra l-ewwel aggravju tal-appellanta, fejn hija qegħda tirrileva li l-Bord m'għandux il-kompetenza sabiex jittratta kwistjonijiet li joħorġu mill-*policies* tagħha. Hija tiċċita d-disposizzjonijiet tal-para. (ċ) tas-subartikolu 25A (1) tal-Kap. 217 in sostenn tal-argument tagħha, u filwaqt li tispjega li l-każ odjern jirrigwarda *policy* li kienet inħolqot minnha stess, tissottometti li din ma taqax fil-parametri tal-kompetenza tal-Bord stante li l-*policy* in kwistjoni mhijiex disposizzjoni tal-Att jew ta' regolament magħmul taħtu, u lanqas disposizzjoni ta' xi liġi oħra. Iżda l-Qorti tgħid li l-appellanta mhijiex qegħda tagħmel interpretazzjoni tajba ta' dan il-provvediment. Għalkemm dan tal-aħħar ma jsemmiex ukoll b'mod partikolari il-*policies* li l-appellanta tista' minn żmien għal żmien toħloq, il-Qorti tikkunsidra li l-għemil tal-appellanta ma jistax jevita li jiġi sindikat mill-Bord. Tqis dak li jipprovdi għalih l-artikolu 7 tal-Kap. 217, fejn wara li d-disposizzjonijiet tiegħu jagħtu s-setgħa lill-Ministru responsabbli għall-Immigrazzjoni sabiex joħroġ permess għal residenza hawn Malta, u hawn il-Bord għamel sew meta kkunsidra l-i*Specific Residence Authorisation* jew SRA bħala wieħed minn dawn il-permessi, il-para. (b) tas-subartikolu (3) tiegħu jagħtih ukoll is-setgħa li jirrevokah, fosthom fejn:

> "...*wara l-għoti ta' permess għal residenza, dak ir-resident jagħmel, kemm f'Malta kemm barra minn Malta, xi delitt serju li, li kieku jkun ġie magħmul qabel l-għoti ta' dak il-permess, kien ikun jiġġustifika raġonevolment iċ-ċaħda ta' dak il-permess mill-Ministru".*

11. Is-subartikolu (4) li jsegwi jagħti dritt ta' appell minn dik id-deċiżjoni ta' revoka fi żmien għaxart ijiem mid-data li fiha d-detentur tal-permess jiġi avżat bid-deċiżjoni.

12. Il-*policy* in kwistjoni skont kif jirriżulta mid-dokument esebit fl-atti, inħarġet mill-"Ministry for Home Affairs, Law Enforcement and National Security", li taħt ir-responsabiltà tiegħu taqa' l-appellanta, u tagħmel ċar diversi drabi li huwa l-Gvern li qed jistabbilixxi l-imsemmija *policy.* Kif sewwa jirrileva l-Bord, din ma tagħmel l-ebda riferiment għal xi liġi primarja jew sussidjarja, iżda huwa evidenti li saret sabiex jiġi regolat l-għoti tal-permessi ta' residenza. Imma l-fatt li dan sar permezz ta' *policy* u mhux bis-saħħa ta' regolamenti magħmula mill-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni a tenur tal-Kap. 217, ma jnaqqas xejn mill-applikabbilità tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7, inkluż id-dritt tal-appell tar-resident. Għalhekk ma jistax jingħad li l-imsemmija *policy* tista' tevita l-kompetenza tal-Bord, u konsegwentement ta' din il-Qorti wkoll, li tirrileva li setgħat diskrezzjonali daqstant wesgħin u insindakabbli ċertament ma setgħux kienu maħsuba mil-leġislatur. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju tal-appellanta ġustifikat, u tiċħdu.

13. It-tieni aggravju tal-appellanta jirrigwarda l-applikazzjoni tal-*policy* min-naħa tal-Bord, li skont l-istess appellanta, kienet waħda żbaljata. Iżda hawn ukoll il-Qorti tgħid li l-appellanta m'għandhiex raġun. Tikkunsidra li wara li l-imsemmi Bord iċċita dik il-parti tal-"*Policy regarding Specific Residence Authorisation – Updated policy – October 2020"* intestata *"Disqualification criteria",* li hija l-parti rilevanti għall-każ odjern, osserva li l-appellat ma kienx ġie kkundannat piena karċerarja għalkemm misjub ħati ta' reat. Għalhekk sewwa ddikjara li ma kinitx

tolqtu l-ewwel parti tal-kriterji skwalifikattivi li tgħid *"Persons who have been found guilty of an offence and sentenced to imprisonment for twelve (12) months in Malta or aborad shall not be granted a Specific Residence Authorisation"*. Dwar it-tieni parti ta' dawn il-kriterji, il-Bord korrettement osserva li dawn jagħmlu riferiment għal "*applicant for the status"* f'ċirkostanzi fejn dan jinstab ħati u jiġi kkundannat għal sena ħabs, anki jekk permezz ta' sentenza sospiża, filwaqt li huwa jkun applika għall-i*status* jew kif kien fil-każ odjern, għat-tiġdid tal-i*status.* Il-Bord ikkunsidra li fil-każ odjern, l-appellat kien ġie kkundannat sew qabel ma huwa kien applika għal SRA, u għalhekk għadda sabiex irrevoka d-deċiżjoni tal-appellanta. Din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni tal-Bord, u tikkondividi l-ħsibijiet tiegħu. Tgħid li ma tistax taċċetta l-interpretazzjoni tal-*policy* kif qegħda tinsisti fuqha  l-appellanta, kemm għaliex il-kliem tagħha ma jagħtux lok għal tali interpretazzjoni, imma wkoll għaliex ir-riżultat tat-tifsira tagħha saħansitra ma jistax jiġi spjegat b'mod raġonevoli. Dan kif saħansitra juri l-każ odjern, fejn kundanna ta' tlettax-il sena ilu twassal sabiex il-permess ta' residenza tal-applikant, imġedded diversi drabi konsekuttivi, ma jiġġeddidx aktar minħabba l-eżistenza ta' dik il-kundanna. Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiċħad it-tieni aggravju tal-appellanta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiċħad l-appell intavolat mill-appellanta, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**